MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 1351/2002

**Bank of Valletta p.l.c.**

**-vs-**

**Emanuela Galea, Antoine Galea, Karen Galea, u Silvio Galea.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fit-28 ta' Novembru, 2002 li permezz taghha is-socjeta' attrici ppremettiet:

Illi permezz ta' kuntratt datat 9 t'Ottubru, 1992 in atti Nutar Dottor Peter Carbonaro, li qed jigi esebit u markat Dok.

"A", s-socjeta' attrici Bank of Valletta p.l.c. ikkoncediet "Loan Facility" lill-konvenuta Emanuela Galea.

Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tal-konvenuta Emanuela Galea fis-somma ta' hamest elef, seba' mija u tmienja u tletin Liri Maltin u tmienja u erbghin centezmu (Lm5,738.48) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" ta' Emanuela Galea mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "B1 sa B5") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-1 t'Ottubru 2002 sad-data tal-effettiv pagament.

Illi permezz tal-kuntratt fuq imsemmi u cioe' dak datat 9 t'Ottubru, 1992 in atti Nutar Dottor Peter Carbonaro (Dok. "A"), il-konvenut Antoine Galea iggarantixxa flimkien u "in solidum" ma' Emanuela Galea ghaf-favur tal-Bank of Valltta p.l.c. id-debiti ta' l-istess Emanuela Galea mal-Bank of Valletta p.l.c.

Illi permezz tal-kuntratt fuq imsemmi u cioe' dak datat 9 t'Ottubru, 1992 in atti Nutar Dottor Peter Carbonaro (Dok. "A"), il-konvenuta Karen Galea iggarantiet flimkien u "in solidum" ma' Emanuela Galea ghaf-favur tal-Bank of Valltta p.l.c. id-debiti ta' l-istess Emanuela Galea mal-Bank of Valletta p.l.c.

Illi permezz tal-kuntratt fuq imsemmi u cioe' dak datat 9 t'Ottubru, 1992 in atti Nutar Dottor Peter Carbonaro (Dok. "A"), il-konvenut Silvio Galea iggarantixxa flimkien u "in solidum" ma' Emanuela Galea ghaf-favur tal-Bank of Valltta p.l.c. id-debiti ta' l-istess Emanuela Galea mal-Bank of Valletta p.l.c.

Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta' zewg ittri ufficjali datati 19 t'April, 2002 li kopja taghhom qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok. "C" u Dok. "D", sabiex ihallsu d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti.

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tikkundanna lil Emanuela Galea u Antoine Galea, Karen Galea, u Silvio Galea jhallsu flimkien u “in solidum” bejnithom lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ hamest elef, seba’ mija u tmienja u tletin Liri Maltin u tmienja u erbghin centezmu (Lm5,738.48) bilanc ghad-debitu fil-“Loan Account” ta’ Emanuela Galea mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. “B1 sa B5”) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-1 t’Ottubru, 2002 sad-data ta’ l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittri ufficjali datati 19 t’April, 2002 u tal-Mandati ta’ Sekwestru u ta’ Qbid li qed jigu pprezentati kontestwalment kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ attrici mahlufa minn Joseph Zammit ID 19834(G) u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet pprezentata fil-21 ta’ Frar, 2003 li permezz taghha il-konvenuti eccepixxew:

1. Illi kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

2. Illi fuq kollox, kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika bejn is-socjeta’ attrici u l-eccipjenti Antoine Galea, Karen Galea u Silvio Galea.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali.

Semghet ix-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta’ Marzu 2004 illi permezz tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Illi l-eccezzjonijiet tal-konvenuta huma fis-sens illi ma hemm ebda rapport guridiku bejnha u is-socjeta' attrici u li t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt.

Il-fatti tal-kaz huma li l-konvenuti issellfu mill-bank permezz ta' kuntratt in atti Nutar Peter Carbonaro tal-1992 li gie esebit fl-atti tal-kawza. Fix-xhieda taghha il-konvenuta qalet li hija hallset lil certu Emanuel Spagnol li kien anke deher bhala garanti fuq l-istess att. Ma jidhirx pero' li saru xi hlasijiet lill-bank u ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi akkolta, salv kull dritt spettanti lill-konvenuti *si et quatenus*.

**Il-Qorti ghalhekk, tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta u fil-kontumacja tal-konvenut tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna l-konvenuti ihallsu lill-bank attur is-somma ta' hamest elef sebgha mija u tmienja u tletin lira u tmienja u erbghin centezmu (Lm5738.48c) u imghaxijiet ulterjuri mill-1 ta' Ottubru 2002 sal-pagament effettiv; bl-ispejjes inkluzi tal-ittra ufficjali u mandati imsemmija fic-citazzjoni jigu sapportati kollha mill-konvenuti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------